

**Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tal-20 ta' Lulju 2016, RN vs Il-Kummissjoni (F-104/15), hija annullata.
- 2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem awla tal-Qorti Ġenerali differenti minn dik li ddeċidiet dan l-appell.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 441, 28.11.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Lulju 2017 – Il-Parlament vs Meyrl**

(Kawża T-699/16 P) <sup>(1)</sup>

**(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Annullament fl-ewwel istanza tad-deċiżjoni kkontestata — Tkeċċija — Dritt għal smiġh — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Dmir ta' premura — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Użu ħażin ta' poter”)**

(2017/C 283/72)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: V. Montebello-Demogeot u M. Dean, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Sonja Meyrl (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tad-19 ta' Lulju 2016, Meyrl vs Il-Parlament (F-147/15, EU:F:2016:157), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tad-19 ta' Lulju 2016, Meyrl vs Il-Parlament (F-147/15), hija annullata.
- 2) Ir-rikors ippreżentat minn Sonja Meyrl quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-147/15 huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha relatati mal-proċedura ta' appell.
- 4) S. Meyrl hija kkundannata tbat i-ispejjeż relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza, inklużi dawk tal-Parlament Ewropew.

<sup>(1)</sup> ĠU C 454, 5.12.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2017 – NTS Energie- und Transportsysteme vs EUIPO – Schütz (X-Windwerk)**

(Kawża T-649/14) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Nomina ta' rappreżentant ġdid — Nuqqas ta' azzjoni tar-rikorrenti — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2017/C 283/73)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: NTS Energie- und Transportsysteme GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Mach u W. Plewinski, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Fischer, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Schütz GmbH & Co. KGaA (Selters, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Oerter u E. Tuchscherer, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Mejju 2014 (Każ R 978/2013-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Schütz u NTS Energie- und Transportsysteme.

### Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors preżenti.
- 2) NTS Energie- und Transportsysteme hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u għal dawk ta' Schütz GmbH & Co. KGaA.

<sup>(1)</sup> ĠU C 395, 10.11.2014.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 2017 – Herm. Sprenger vs EUIPO – web2get (Forma ta' staffa magħquda)

(Kawża T-396/15) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Irtirar tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2017/C 283/74)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Herm. Sprenger GmbH & Co. KG (Iserlohn, il-Ġermanja) (rappreżentant: V. Schiller, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Söder u A. Schifko, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: web2get GmbH & Co. KG (Dülmen, il-Ġermanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-22 ta' April 2015 (Każ R 520/2014-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn web2get GmbH & Co. KG u Herm. Sprenger GmbH & Co. KG.

### Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.
- 2) Herm. Sprenger GmbH & Co. KG hija kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 302, 14.9.2015.